MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2006

Numru 945/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Mario Tonna)**

**vs**

**MICHELE BELFIORE**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Michele Belfiore ta’ 40 sena mwieled l-Italia nhar il-11 ta’ Marzu 1965 bin Rosario u Angela di Mauro residenti Flat 1 Emerson Court Triq il-Ktajjen Swieqi detentur ta’ Karta tal-identita Nru 0028669A gie akkuzat talli:

1. Fil-perjodu ta’ bejn Settembru tas-sena 2004 sa illum approprija ruhu billi dawwar bi profit ghalih jew ghall-persuni ohra minn oggetti tal-kumpanija Mediterranean

Coast Deliveries Company Ltd li kienu gew f'dati jew ikkunsinnati lilu taht it-titolo illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-oggetti jew li jsir uzu minnhom specifikat u dan ai terminu tal-artikolu 18 u 293 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. U aktar talli matul l-istess zminijiet u taht l-istess cirkostanzi bla hsieb li jisraq jew li jaghmel hsara kontra l-ligi izda biss biex jezercita dritt li jippretendi li ghandu gieghel bl-awtorita tieghu innifsu fixkel lill-istess kumpanija Mediterranean Coast Deliveries Ltd fil-pussess ta' hwejjigha, jew indahal kontra hwejjigha b'xi mod kontra il-ligi u dan ai terminu tal-artikolu 18 u 85 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. U aktar talli matul l-istess zminijiet imsemmija bis hsara tas-sidien tal-kumpanija Mediterranean Coast Deliveries Ltd ghamel vjolazzjoni kontra il-propjeta' taghhom u dan ai terminu tal-artikolu 18 u 340 (d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti u id-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok MT1 u nnutat li l-imputat m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-ewwel akkuza migjuba fil-konfront tal-imputat inghatat bhala akkuza alternattiva ghat-tieni akkuza u ghaldaqstant jitlob lill-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija l-ewwel akkuza migjuba kontra l-imputat.

Innutat ukoll li Dr Rachel Montebello ghall-parte civile fil-Verbal tas-Seduta tallum iddikjarat li taqbel li l-ewwel akkuza migjuba fil-konfront tal-imputat inghatat bhala akkuza alternattiva ghat-tieni akkuza u ghaldaqstant taderixxi ghat-talba tal-Prosekuzzjoni li l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija l-ewwel akkuza migjuba kontra l-imputat.

Inoltre innutat li fl-ezami tieghu, tramite l-interpretu, l-imputat ammetta it-tieni akkuza u it-tielet akkuza migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti, tramite l-interpretu, wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, tramite l-interpretu, l-imputat rega' wiegeb li hu hati tat-tieni akkuza u tat-tielet akkuza migjuba kontra tieghu.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-Artikoli 18, 85 u 340(d) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Michele Belfiore, fuq ammissjoni, hati tat-tieni akkuza u tat-tielet akkuza migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza u l-fedina penali tal-imputat, tikkundanna lill-imputat Michele Belfiore ghall-piena komplessiva ta' mitejn u hamsin Liri Maltin (Lm250) multa.

Rigward l-ewwel akkuza migjuba fil-konfront tal-imputat, fid-dawl ta' dak dikjarat mill-Ufficjal Prosekutur u minn Dr Rachel Montebello ghall-parte civile fil-Verbal tas-Seduta tallum rigward din l-akkuza u riportat aktar qabel f'din is-Sentenza, tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija l-ewwel akkuza stante li din l-akkuza inghatat bhala akkuza alternattiva ghat-tieni akkuza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------